MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2744/2002

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Johann Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija erbgha u tletin Liri Maltin (Lm834.00), rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-*mobile phones* bin-numri 99436767 u 99423025.

Bl-ispejjes legali u gudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat ma' l-Avviz u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Beppe Fenech Adami in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija erbgha u tletin Liri Maltin (Lm834.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prrezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------